

Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi, bi ksur tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 87(1) KE, u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 253 KE. B'mod partikolari, is-sentenza appellata ma teżaminax b'mod adegwat u lanqas ma tagħti motivazzjoni fir-rigward tan-natura kumpensatorja tal-ghajjnuna inkwistjoni fid-deċiżjoni, u lanqas fir-rigward tal-effett tal-istess ghajjnuna fuq is-suq, u tikser il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u trattament ugwali b'riferiment għall-eżami tal-pożizzjoni tal-impriżi municipalizzati fir-rigward tal-impriżi rikorrenti.

It-tieni aggravju għandu bħala suġġett il-ksur tal-Artikolu 86(2) KE, u b'mod speċifiku, in-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-applikabbiltà tad-deroga dwar it-tmexxija tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali għall-każ inkwistjoni. Minflok, tali evalwazzjoni saret għall-impriżi municipalizzati.

It-tielet aggravju, li għandu bħala suġġett il-ksur tal-Artikolu 87(3)(c) KE, jikkontesta l-pożizzjoni tas-sentenza appellata fir-rigward tad-diskrezzjonalità assoluta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikabbiltà tad-deroga dwar id-diffikultajiet reġjonali u fir-rigward tan-nuqqas ta' evalwazzjoni adegwata għall-każ speċifiku inkwistjoni.

Permezz tar-raba' aggravju, l-appellant jinvoka ksur tal-Artikolu 87(3)(d) KE, u b'mod speċifiku, l-awtorizzazzjoni tad-deroga għal skopijiet "kulturali" lill-Consorzio Venezia Nuova u n-nuqqas ta' evalwazzjoni għall-impriżi l-oħra.

Permezz tal-ħames aggravju, l-appellant jikkontesta n-nuqqas ta' importanza mogħtija lill-kontinwità bejn l-ghajjnuna kkontestata (li nġhatat wara Ġunju tal-1994) u l-iskema preċedenti (li tmur lura għall-1973), bi ksur tal-Artikoli 1 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat tal-KE.

Is-sitt aggravju għandu bħala suġġett in-natura awtomatika tal-ordni ta' ħlas lura, bi ksur tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 659/1999.

(¹) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 1999, 2000/394/KE dwar miżuri ta' ghajjnuna favur l-impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezja u ta' Chioggia, previsti mil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50)

Appell ippreżentat fis-16 ta' Frar 2009 minn Hotel Cipriani SpA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla Estiża), fit-28 ta' Novembru 2008 fil-Kawża Magħquda T-254/00, T-270/00 u T-277/00, Hotel Cipriani SpA et vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-73/09 P)

(2009/C 113/42)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Appellanti: Hotel Cipriani SpA (rappreżentant: A. Bianchini, avvocato)

Il-partijiet l-oħra fil-kawża: Società Italiana per il gas SpA (Italgas), ir-Repubblika Taljana, Coopservice — Servizi di fiducia Soc. coop. rl, Comitato "Venezia vuole vivere", Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- a) tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Prim'Istanza;
- b) tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza u, konsegwentement:
 - tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (¹) ikkontestata fl-ewwel istanza;
 - sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 5 tad-deċiżjoni sa fejn l-ordni ta' ħlas lura previst minn tali dispożizzjoni ġie interpretat mill-Kummissjoni bħala li jinkludi anki l-ghajjnuna mogħtija abbażi tal-prinċipju *de minimis* u/jew li tannulla l-Artikolu 5 fil-parti fejn jipprevedi l-ħlas ta' rata' ta' imgħax superjuri għar-rata effettivament imħallsa mill-impriża għad-dejn tagħha stess;
- c) tikkundanna lill-Kummissjoni appellata għall-ispejjeż fir-rigward taż-żewġ istanzi tal-kawża.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. Permezz tal-ewwel aggravju fid-dritt, Hotel Cipriani tilmenta ksur u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 87(1) KE, ukoll minħabba nuqqas/kontradizzjoni fil-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Il-liġijiet u d-dispożizzjonijiet regolamentari meqjusa bħala mhux kompatibbli mal-Artikolu 87 KE ma jistabbilixxu l-ebda distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni tal-lukandi u tar-ristoranti (li fil-fatt topera fil-Hotel Cipriani), u dan kemm għaliex il-kuntest tal-belt ta' Venezja huwa tant partikolari li bl-ebda mod ma jaffettwa lis-suq komuni, kif ukoll għaliex it-tnaqqis inkwistjoni huwa biss kumpensatorju għall-ispejjeż żejda mħallsa mill-impriżi dovuti għad-diffikultà li joperaw fis-suq ġeografiku ta' riferenza taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-partijiet l-oħra tas-suq komuni Ewropej. Dawn il-partikolaritajiet ma ttieħdux inkunsiderazzjoni b'mod xieraq mill-Qorti tal-Prim'Istanza, li sempliċement sostniet — mingħajr kjarifiki xierqa — li l-vantaġġi miksuba mill-impriżi ta' Venezja kienu iktar milli kumpensatorji għall-iżvantaġġi ambjentali, u b'hekk jirriżulta n-nuqqas/kontradizzjoni lmentata fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata.

2. Permezz tat-tieni aggravju fid-dritt, Hotel Cipriani tilmenta l-ksur u l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 87(3)(c) KE, anki minħabba n-nuqqas ta' loġika fil-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Qorti tal-Prim'Istanza warajha qiesu b'mod żbaljat li d-deroga regionali prevista mill-Artikolu 97(3)(c) KE ma kinitx tapplika, għaliex, kif spjegat b'mod eżawrjenti fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, is-suq ġeografiku ta' riferenza kien jqis bħala legali t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mogħti mill-leġiżlazzjoni nazzjonali, għaliex huwa intiż biss sabiex tiġi ppreżervata n-natura soċjoekonomika tal-belt ta' Venezja mingħajr ma tinħoloq — kif enfasizzat ukoll fl-aggravju preċedenti — l-ebda bidla antikompetittiva għall-kummerċ fis-suq komuni.
3. Permezz tat-tielet aggravju fid-dritt, Hotel Cipriani tilmenta l-ksur u l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 87(3)(d) KE, anki minħabba n-nuqqas ta' loġika fil-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza. F'dan il-każ, it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kjarment ingħata sabiex jgħin il-preżervazzjoni tal-patrimonju kulturali u artistiku indiskutibbli tal-belt ta' Venezja, li tirrappreżenta spiża kunsiderevoli li għandha titħallas mill-impriżi tal-laguna u li impriżi oħra f'kuntesti territorjali differenti ma jħallux. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-parti fejn ċaħdet l-argumenti mressqa minn Hotel Cipriani, issostni b'mod żbaljat li ma ġewx spjegati b'mod xieraq ir-raġunijiet għalfejn każ b'każ l-ispejjeż marbuta mal-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u artistiku ta' Venezja tħallsu mill-impriżi rikorrenti. L-affermazzjoni hija żbaljata taħt diversi angoli, b'mod speċjali għaliex il-fatt li ċ-ċentru storiku kollu ta' Venezja bħala tali huwa suġġett għal rabtiet indiskriminanti għall-ħarsien tal-patrimonju immobiljari kien dokumentat b'mod eżawrjenti anki quddiem il-Kummissjoni.
4. Permezz tar-raba' aggravju fid-dritt, Hotel Cipriani tilmenta l-illegalità tal-ordni ta' rkupru furzat tal-benefiċċji konessi minħabba ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill KE Nru 659/1999 ⁽²⁾, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat tal-KE. Il-previżjoni tal-irkupru tat-tnaqqis stabbilit fl-imsemmi Artikolu 14 mhijiex applikabbli fid-dawl, f'dan il-każ, tal-kuntrast ma prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, individwat anki quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' trattament ugwali u ta' ċertezza legali.

Permezz tal-ħames aggravju fid-dritt, Hotel Cipriani tilmenta l-ksur tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 659/1999. Fir-rigward tad-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fil-25 ta' Novembru 1999, it-terminu limitu ta' għaxar snin stabbilit mill-imsemmi Artikolu 15 kien diġà skada (ċertament applikabbli *ratione temporis* għal dan il-każ), peress li l-effetti tal-allegata għajjnuna mill-Istat imorru lura għal-Liġi Nru 171/1973, l-hekk imsejħa "Liġi speċjali għal Venezja".

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 1999, 2000/394/KE dwar miżuri ta' għajjnuna favur l-impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezja u ta' Chioggia, previsti mil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50)

⁽²⁾ ĠU L 83, p. 1

Appell ippreżentat fid-19 ta' Frar 2009 minn Società Italiana per il gas SpA (Italgas) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla Estiża), fit-28 ta' Novembru 2008 fil-Kawża Magħquda T-254/00, T-270/00 u T-277/00, Hotel Cipriani SpA et vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-76/09 P)

(2009/C 113/43)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Appellanti: Società Italiana per il gas SpA (Italgas) (rappreżentanti: M. Merola, M. Pappalardo, T. Ubaldi, avvocati)

Il-partijiet l-oħra fil-kawża: Hotel Cipriani SpA, ir-Repubblika Taljana, Coopservice — Servizi di fiducia Soc. coop. rl, Comitato "Venezia vuole vivere", Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla l-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni ⁽¹⁾, sa fejn jiddikjaraw mhux kompatibbli mas-suq komuni t-tnaqqis fiskali mogħti mill-Italja, u l-Artikolu 5 tad-deċiżjoni jew, sussidjarjament, tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza abbażi tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi tal-kawża.

Aggravji u argumenti prinċipali

— L-ewwel aggravju jirrigwarda żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE u difett fil-motivazzjoni b'riferiment għan-natura kumpensatorja tat-tnaqqis fiskali inkwistjoni, b'relazzjoni wkoll mal-prova tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ. Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball minħabba li, minkejja li rrikonossiet li miżura ma tikkostitwixxix għajjnuna jekk tkun limitata sabiex tikkompensa żvantaġġi ekonomiċi oġġettivi, qieset li dan il-prinċipju ma kienx japplika għall-każ inkwistjoni għaliex: i) teżisti rabta diretta bejn l-ammont tal-kumpens u dak tal-ispejjeż supplimentari mħallsa mill-impriżi minħabba li huma stabbiliti fil-laguna ta' Venezia u ta' Chioggia; ii) l-ispejjeż supplimentari mħallsa mill-impriżi benefiċjarji jiġu kkalkolati fir-rigward ta' spejjeż medji tal-impriżi Komunitarji u mhux tal-ispejjeż tal-impriżi fuq l-art. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tirrileva l-kontradizzjoni li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata li biha l-Kummissjoni, fl-ewwelwazzjoni tal-pożizzjoni tal-impriża responsabbli mit-tmexxija tas-servizz tal-ilma, ikkunsidrat li n-natura kumpensatorja ta' skema tista' tiġi rrikonossuta anki fin-nuqqas ta' korrispondenza preċiża bejn l-entità pubblika u l-ispejjeż supplimentari mħallsa mill-impriżi, u li dawn m'għandhomx neċessarjament jiġu kkalkolati fir-rigward tal-ispejjeż medji tal-impriżi Komunitarji.